**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta' Ottubru 2015**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Marthese Micallef)**

**Vs**

**BENJAMIN CACHIA**
**MARK CAMILLERI**
**JAMES LEIGH HOMES ZAMMIT**

**KUMP NRU 1031/2010**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputati**, Benjamin cachia** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 63089(M), u **Mark Camilleri** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 289386(M), u **James Leigh Homes Zammit** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 26405(A), gew akkuzati talli fi zmien bejn 20:30hrs tad-19 ta' Awwissu u 11:20 hrs tal-21 ta' Awwissu 2010, waqt li kontu fit-Telgha t'Alla u Ommu, limiti tan-Naxxar u/jew fil-vicinanzi;

1. Xjentement jew b'negligenza, nuqqas ta' hila jew ta` osservanza ta' regolamenti kkagunajtu dannu lil jew qridtu propjeta kulturali sew jekk tali propjeta hija jew mhix registrata skond l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali;

2. Dendiltu, wahhaltu karti jew hwejjeg ohra f'xi lok meta dan kien gie projbit espressament mis-sid jew mid-detentur;

3. Volontarjament hassartu jew gharraqtu hwejjeg haddiehor ghad-dannu tal-Fondazzjoni Wirt Artna, liema hsara teccedi aktar minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47c) izda li ma taqbizx l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1.164,69c).

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-6 ta` Ottubru 2010 sabiex dan il-kaz jgi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Rat li, fl-udjenza ta' llum stess 27 ta' Ottubru 2015, saret l-ammissjoni inkondizzjonata minn naha ta` l-imputati, f'liema ammissjoni huma ippersistew anki wara li inghataw z-zmien skond il-ligi sabiex jirrikonsidraw tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u tad-difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kif migjuba kontra taghhom gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarahom hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-Qorti qieset, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta` llum stess 27 ta` Ottubru 2015, illi l-imputati skuzaw ruhom ghal dak li sehh izda ppuntwalizzaw li dan kien kaz sfortunat. Huma wahhlu mhux aktar minn zewg *posters* ma hajt, propju fuq *posters* ohra li kienu gia jinsabu mal-hajt *de quo* u dan ghamluh biex jippromwovu attivita` partikolari. Filwaqt li huma ma kienux jafu li l-hajt *de quo* kellu xi forma ta` valur

skond kif migjub fl-akkuza, ftit sieghat wara dan kollu huma gew mitluba mill-pulizija biex inehhu dawn iz-zewg *posters*. Huma, mhux talli obdew l-ordni immedjatament, izda ghamlu tindif li bieh tnehhew dawk il-*posters* li kienu hemm diga u mwahhla minn haddiehor. Apparti dan, l-imputati ghamlu xi hlasijiet lill-Fondazzjoni Wirt Artna (ara verbal tal-15 ta` April 2014).

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedini penali nettissimi ta` l-imputati u l-ammissjoni taghhom.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattri ta` l-imputati, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Konkluzjoni**;

**GHALL-DAWN IL-MOTTIVI, L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 53(1)(a) tal-Kapitolu 445, u l-Artikolu 120(2) tal-Kapitolu 10, issib lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom, u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tilliberahom bil-kondizzjoni li ma jaghmlu ebda reat matul il-perjodu ta` sena mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-imputati, fi kliem car u li jinftiehem, il-konsegwenzi jekk huma jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur